KUNSILL LOKALI KALKARA
KALKARA LOCAL COUNCIL

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

# 7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 13

It-Tlieta 27 ta' Novembru 2018

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1 Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, il-Kalkara fl-4 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Viċi Sindku
Paul Bongailas - Kunsillier
Maria Sultana- Kunsilliera
Vince Bongailas - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**Ma kienx hemm**

**ASSENTI**

***Ma Kienx hemm***

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Elaine Caruana – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Speranza Chircop ippresjediet il-laqgħa.

**13.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

***Ma kienx hemm***

**13.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

13.2.1 Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f 'Ottubru 2018.

Il-Minuti ġew moqrija w approvati fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Kunsillier Vince Bongailas

**13.3 Komunikazzjoni mis-Sindku : Punti mis-seduta precedent ( Seduta 12)**

A1

(Punt 12.3.A2 mis-seduta preċedenti )Is-Seg Eżek infurmat il-Kunsill rigward id-dokumenti li ingabru lura minn naħa tar-residenti ta' Triq is-Sibi fuq il-kwistjoni tal-iskip kif kien ġie deċiż fis-seduta preċedenti. Hija uriet u għoddiet quddiem il-Kunsill ir-risposti tar-residenti stess. Il-maġġoranza b'petizzjoni għażlu illi ma jixtiequx l-iskip lura f'din l-akkwata, dan anka wara illi fil-petizzjoni preċedenti kienu vvutaw favur.

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-maġġoranza għandha tirbaħ u din il-petizzjoni tirbaħ lil ta' qabel minħabba li hija l-iktar riċenti.

Is-Sur Bruno kif ukoll is-Sinjura Sultana talbu li tintbgħat spjega bil-miktub lir-residenti kollha ta' Triq is-Sibi bir-riżultat tal-opzjonijiet li huma stess għażlu.

A2 ( Punt 12.3.A4 mis-seduta preċedenti) Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop staqsiet formalment il-Kunsill jekk iridux li jsir il-meeting kif ġie diġa deċiż fuq il-kwistjoni tal-parking fi Triq Luigi Pisani peress li mhux kulħadd ta risposta bl-email lis-Seg Eżek.

Il-Kunsill qabel illi għandu jsir meeting man-nies li jridu jattendu anka jekk xi ħadd mill-'high heads' jiddeċiedi li ma jiġix għax ma jħossux komdu jiltaqa' u

jisma r-residenti.

A3 (Punt 12.4.B2) Mis-seduta preċedenti) Is-Seg. Eżek xtaqet konferma rigward 'l-iskips il-ħodor għalxiex ser jibdew jintużaw dan wara li s-Sinjura Sultana kienet issuġġerit illi jibqgħu għal boroz suwed biss. Is-Seg Eżek spjegat illi hija kienet ukoll kellmet il-kuntrattur biex tieħu 'feedback' aħjar ta' x'wieħed jista' jagħmel. Il-kunsil qabel unanimament illi l-iskips il-ħodor għandom jintużaw biss għal boroż is-suwed u għandha titweħħel nota biex turi dan fuq kull skip. Il-gwardjani lokali għandom jiġu infurmati b'dan il-kambjament biex b'hekk ikunu jistgħu jinfurzaw din id-deċiżjoni finali.

A4 ( Punt 12.4B5Mis-Seduta preċedenti ) Is-Seg Eżek staqsiet lis-Sinjura Sultana jekk għandiex xi informazzjoni fuq l-event li qed tieħu ħsieb tat-tfal għal Jum il-Kalkara 2018 biex hi tkun tista' taħdem fuq il-loġistika u tkun tista' tgħina minn naħa tagħha. Is-Sinjura Sultana tgħat id-dettalji kollha lis-Seg Eżek biex tmexxi bil-preparamenti.

Is-Sinjura Sultana kompliet billi irringrazzjat lis-Seg Eżek formalment waqt is-seduta tal-interess u l-ħidma li ħadet aktar kmieni dan ix-xahar meta saret mixja organizzata minn naħa tal-iskola kif ukoll irringrazzjat lin-nies kollha involuti biex din kienet ta' suċċess speċjalment lis-Sur Camilleri minn Smart City u l-Pulizija li akkumpanjaw lit-tfal matul it-triq kollha.

## 13.3 B - Korrespondenza

B1 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill b'talba mingħand xi nies għal tabella ġdida li turi fejn qiegħed Wied Għammieq peress li qiegħedin jiġu minn barra l-lokal biex jattendu għal quddies li issir f'dan is sit.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni kif ukoll ġie maqbul li din it-talba għandna tintbgħat lill-TM bħas-soltu biex tinġieb permess formali qabel jitwaħħlu s-sinjali.

B2 Il-kunsill qabel unanimament illi l-laqgħa pubblika li ssir kull sena kif inhu suppost bil-liġi ser issir fi Frar 2019 fit-13 tax-xahar. Is-Seg Eżek ser tkun qed tieħu ħsieb il-loġistika ta' din il-laqgha fost il-ħruġ tan-notifiċi fuq il-gazzetti

lokali kif ukoll notifiċi fuq in-'notice boards' tal-lokal biex kulħadd ikun infurmat.

B3 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar laqgħa li kelli aktar kmieni dan ix-xahar flimkien ma' kunsilli oħra mal-MTA rigward it-tkabbir tal-bajja ta' Rinella fil-futur. Hija qalet illi l-MTA diġa' kienet qed tagħmel l-istudji tagħha biex tara kif inhu l-aħjar possibli li l-bajja tiġi imkabbra eventwalment bir-ramel naturali li diġa' hemm fil-qiegħ tal-bajja. Is-Sinjura Sindku talbet lill-kunsilliera kollha jagħtu s-suġġerimenti tagħhom biex hi tkun tista' tibgħathom lis-Sur Fsadni li qed jieħu ħsieb dan il-proġett:

- Is-Sinjura Sultana saħħqet illi s-shower li twaħħlet fil-fehma tagħha m'hijiex qiegħeda f'post sikur kif ukoll minħabba li n-nies kienu qed jużaw is-sapun biex jinħaslu huma u forsi xi platti li jkollom , is-sapun kollu kien qed jinżel kollu għal ġol baħar u għalhekk hija saħħqet illi shower għandha tkun man-naħa tal-latrina b'kamra apposta kif hemm f'bajjiet oħra madwar Malta u Għawdex.

- Jiżdiedu iktar bins in-naħa tas-simenta

- Is-simenta stess għandha tiġi irranġata forsi b'żieda ta' bankijiet tajbin għal fejn il-baħar

- Is-Sinjura Sindku saħħqet illi hemm bżonn isiru dougħ lands fil-baħar biex il-mewġ ma jieħux ir-ramel fil-qiegħ

- Culverts / sleeping police / infurzar madwar il-bajja

- Is-Sur Bongailas talab lis-Seg Eżek tinkludi l-pitturi li hemm fl-inħawi biex forsi jiġu rrestawrati mal-istess proġett minn naħa tal-MTA.

- Jittranġa l-parking tal madwar

B4 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar laqgħa li hija kellha mal-Primary Health Care fuq il-kwistjoni tal-berġa u d-devolution li tant ilha tiġi diskussa. Is-Seg Eżek żiedet tgħid illi waqt dan il-meeting ġie innutat mic-chairperson tal-board illi meta l-Kunsill jgħid li l-berġa hija tiegħu qed ikun żbaljat għaliex il-berġa hija tagħhom fil-verita'. Hija saħħqet illi waqt dan il-meeting hija ħassieta skomda meta l-berġa tal-lokal dejjem ġiet amministrata mill-Kunsill u t-tajjeb u l-ħażin dejjem għal wiċċ il-Kunsill ġie.

Apparti minn hekk tajjeb li wieħed isemmi li l-ispejjeż tal-istess berġa kien dejjem ħariġom u għandu joħroġom il-Kunsill sal-ġurnata tal-lum. Is-Sinjura Sindku kompliet tgħid illi fis-snin ta' qabel i- kura Primarja kienu jagħtu €70 lill-Kunsill bħala refund tal-ispejjeż li ovjament dawn huma ftit li xejn fejn l-ispejjeż li joħroġ il-Kunsill biex dejjem jagħti servizz prim lir-residenti. Mis-Sena 2014 dawn is-€70 twaffqu minħabba l-fatt illi l-Kunsill kien ħa skema ta' flus mill-istess dipartiment fejn għalihom issa l-berġa ġiet devoluta kompletament il-Kunsill. Dan l-arranġament m'huwiex wieħed validu għal fatt illi d-devoluzzjoni tal-berġa ma tistax isseħħ minħabba illi s-sit minn fejn topera huwa wieħed tal-privat biss biss. Is-Sinjura Sindku żiedet tgħid illi c-chairperson qalet biċ-ċar illi jekk il-post il-ġdid li l-Kunsill qiegħed jiġġieled għalih fil-fehma tagħhom ma jkunx wieħed adekwat huma m'humiex ħa jagħtu permess lill-Kunsill biex jiċċaqlaq minn fejn qiegħed fil-preżent. Jekk il-post ikun adekwat huma lesti li jgħinu lill-kunsill b'żieda ta' aktar servizzi għan-nies tal lokal.

B5. Is-Seg Eżek spjegat illi s-Sur Bruno adu kemm irritorna minn Spanja fuq proġett taż-żagħżagħ filwaqt illi l-kunsillier Paul Bongailas qiegħed hemmhekk waqt din is-seduta flimkien ma' 4 żagħżagħ mill-lokal. Hija wkoll uriet dokumentazzjoni tal-ispejjeż li l-Kunsill qabel li jħallas biex ikun partecipi f'dan l-istess proġett. Is-Sur Bongailas kien qiegħed live b'telefonata waqt din is-seduta.

B6 Is-Seg Eżek spjegat illi persuna li toqgħod ix-Xatt tal-Kalkara li aktar kmieni din is-sena telat waqt seduta formali tal-Kunsill biex tispjega l-problema ta' parkeġġ ħażin quddiem ħanut partikolari ukoll. Is-Seg Eżek żiedet tgħid illi din il-persuna kellha xi emails diretti minn TM fejn il-Kunsill ma kienx qiegħed jiġi ikkupjat u l-informazzjoni li tagħta fuq it-telefon bħala Kunsill ma kienx aware tagħhom. Hija żiedet tgħid illi 'way back in years' il-parking ta' quddiem il-ħanut ma kienx jintuża biex jitpoġġew l-imwejjed u s-siġġijiet imma kien jintuża għal 15 -il minuta biss biex wieħed ikun komdu jordna u jiġbor l-ikel. Is-Seg Eżek kompliet tisħaq bħal ma kemm il-darba għamlet illi l-permessi li qed jinħargu mill-Kunsill ta' mwejjed u siġġijiet għal dan il-ħanut huma kontra l-liġi u li fil-fehma tagħha għandom jitwaqqfu ħabba raġunijiet ovji.

Il-Kunsill qabel unanimament illi għandu jagħmel laqgħa mas-sidien ta' dan il-ħanut biex jispjegalu s-sitwazzjoni tal-preżent fuq din il-kwistjoni biex jgħarraf jirregola ruħu u jitnaqqas il-problema ta' parkeġġ ħażin quddiemu flimkien ma' żieda ta' enfurzar ta' wardens u puluzija.

B7 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar rikjesta minn naħa ta' Esplora biex jagħżlu żieda ta' Disabled Bay in-naħa ta' Triq Marina quddiem il-premises tagħhom. Il-Kunsill qabel unanimament illi ma jistax ikun ikompli jonqos il-parking għar-residenti meta esplora diġa' għandha 3 'disabled parking bays' iktar il-fuq fl-istess Triq man-naħa l-oħra tal-area. Jista' wieħed inaqqas wieħed minn naħa u jiżdied dan li talbu tal-aħħar, jekk ma jinstabx kompromess hekk il-Kunsill ta l-oġġezzjoni tiegħu li jiżdied 'disable parking bay' ieħor fejn qed jiġi issuġġerit din id-darba minn naħa tagħhom.

B8 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill illi is-Seg Eżek iffinalizzat draft tal-'bye law' li ġiet issuġġerita mis-Sinjura Sultana rigward il-bbqs fil-lokal. Din ser tkun qed tintbgħat lill-kunsilliera kollha għal informazzjoni tagħhom biex b'hekk jibgħatu l-kummenti tagħhom qabel ma tiġi iffinalizzata minn naħa tal-avukat tal-Kunsill.

B9 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar opportunita' ta' transport alternattiv fil-lokalita' tal-Kalkara wara li irċeviet korrespondenza minn naħa tal-AKL b'informazzjoni x'wieħed jista' jagħmel.

Is-Sur Bongailas kif ukoll is-Sur Bruno issuġġerew illi din il-korrespondenza għandha tintbgħat il-Esplora kif ukoll lil 'Smart City' forsi ikun jista' jsir xi proġett konġunt biex b'hekk ma' jitnaqqas parking normali lir-residenti.

Is-Sinjura Sindku seranza Chircop issuġġerit ukoll il-fetħa vojta li hemm qabel tidħol lejn Triq is-Salvatur biex forsi wieħed jissuġġerixxi proġett ta' 'e bikes' jew xi ħaġa simili.

B10 Il-Kunsill qabel unanimament biex jiġi ffirmat il-ftehim li bagħtu l-AKL lill- kunsilli kollha fuq ir-riforma tal-ħaddiema ta' RSS u CWS li jaħdmu mall-Kunsill biex l-assoċjazzjoni stess tkun tista' tintervjeni f'isem il-Kunsill meta jkun hemm xi kwistjoni partikolari.

B11 Is-Sur Chris Bruno staqsa lill-Kunsill hux possibli li jgħinu lill-Kalkara Football Nursery f'xiri ta' blalen li għandhom bżonn. Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop offriet li tħallas hi personalment il-blalen li hemm bżonn. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni rigward il-punt imsemmi hawn fuq.

B12 Is-Seg Eżek infurmat il-Kunsill illi l-laqgħat għaddejjin ġmielhom fuq l-attivita' bl-isem il-ġostra li l-Kunsill kien diġa' iddiskuta f'seduti preċedenti. Hija saħħqet illi minn naħa tal-organizzaturi għadhom għadejjin fil-proċessi ta' loġistika u preparamenti avvanzati fil-preżent. Aktar informazzjoni ser

tkun qed tintbgħat lill-kunsilli involuti fil-futur qarib.

B13 Is-Seg Eżek spjegat il-Kunsill illi l-fondi li l-Kunsill kiseb minn naħa tad-dipartiment DLG biex jiġi ippubblikat ktieb fuq il-Kalkara ser ikunu qiegħedin jintilfu sfortunatament jekk ma jsibux xi ħaġa alternattiva fejn jintużaw dan wara li hi flimkien mal-konsulent pruvaw għal darbtejn ilaqqgħu nies kompetenti biex jieħdu parti f'din l-okkażżjoni. Sfortunatament il-feedback ma kienx bizejjed biex finalment jinħareg ktieb kif kien ġie maħsub aktar kmieni din is-sena. Hija saħħqet illi fil-verita' fil-jiem ta' qabel din is-seduta avviċinawa l-assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara fejn dawn saqsew il-Kunsill humiex lesti li dawn il-flus jiġu trasferiti u konġunti ma' xi fondi li huma kisbu biex issir attivita' fil-lokal bejn iż-żewġ partijiet.

Is-Sur Bongailas kif ukoll is-Sur Bruno saħħqu illi din l-attivita' jaf tkun ta' deterrent għal każini minħabba affarijiet varji. Is-Sinjura Sindku żiedet tgħid illi fil-lokal mhux il-każini biss hemm imma hemm ħwienet oħra li tajjeb li jkunu involuti jekk huma jkunu jridu. Il-Kunsill qabel unanimament illi kull organizzazjoni fil-lokal għandha tiġi involuta pero qabel xejn tajjeb li tisejjaħ laqgħa mal-assoċjazzjoni biex jiġu diskussi punti minn din l-attivita'. Din il-laqgħa ser tkun qed issir fil-futur qarib biex f'każ li l-Kunsill jaqbel tintbgħat email formali lid-dipartiment biex jiġi rilokati l-fondi diġa' miksubin minn naħa tagħhom għal attivita' totalment differenti dejjem jekk hu possibli.

14 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop fakkret lill-Kunsill fuq ktieb li kienet infurmathom li huma jistgħu jixtru għal prezz ta' €80 b'risq il-community chest fund u ġie maqbul mill-Kunsill illi għandu jinxtara wieħed biex jinżamm fil-librerija pubblika.

15 Is-Sinjura Sindku infurmat il-Kunsill dwar stedina li hi kellha biex tmur fuq programm televiżiv titkellem rigward l-'oil tank cleaning' fil-Kalkara u l-problema li ġġib magħha. Hija saħħqet illi tajjeb li xi ħadd ikun preżenti magħha. Is-Sur Vince Bongailas saħaq illi hu għandu jkun il-persuna minħabba l-fatt illi f'din il-kwistjoni kien involut fiha bis-sħiħ saħansitra kien ħa ħsieb li tinġabar petizzjoni f'isem ir-residenti fuq din il-kwistjoni. Il-Kunsill qabel unanimament li għandhom imorru kemm is-sindku kif ukoll il-kunsillier Vince Bongailas fuq dan il-programm.

C. Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar ħarġa kulturali li hi ser tkun qed torganizza f'isem il-Kunsill aktar tard fix-xahar ta' Diċembru.

D. Is-Sinjura Sindku talbet approvazzjoni tal-Kunsill biex jitweħħel bank għal pubbliku speċjalment għar-residenti tal-inħawi fejn dawn talbuwa għal bank

aktar kmieni dan ix-xahar. Filwaqt li s-Sur Vince Bongailas u s-Sur Bruno ma' sabu l-ebda oġġezzjoni, is-Sur Paul Bongailas astjena rigward dan il-fatt. Minħabba l-fatt illi s-Sinjura Maria Sultana kellha titlaq qabel ħabba raġunijiet personali, s-Sinjura Sindku ma kelliex approvazzjoni konkreta mill-Kunsill u dan il-punt ser jerġa' jitħalla fis-seduta li jmiss. Is-Sinjura Chircop infurmat il-Kunsill illi dan il-bank xtaqet tħallsu hi bħala kumpliment lir-residenti stess li talbuwuwlha.

## 13.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

A Il-Viċi Sindku- Christopher Bruno

A1 Is-Sur Bruno ippreżenta lill-Kunsill ir-rapport formali fuq iż-żjara li kellu Spanja rigward proġett taż-żagħżagħ li l-Kunsill Lokali Kalkara kien involuti fih kif ġie maqbul f'seduta formali tal-Kunsill aktar kmieni dan is-sena. Dan ir rapport jinkludi d-dettalji kollha fuq dak li intqal, attivitajiet u dak kollu li ikkonċerna l-Kunsill Lokali waqt din iż-żjara.

13.4.B Il-Kunsillier- Vince Bongailas

B1 Is-Sur Bongailas talab lis-Seg Eżek terġa' tibgħat email ta' tfakkira lil TM fuq 'traffic calmer' li ġiet mitluba minn nies li joqgħod Sptar Navali minħabba illi qiegħedin jidħlu karozzi bi speed eċċessiv fl-inħawi .

B2 Is-Sur Bongailas innota illi ċ-ċint perikoluż ta' Triq Marina ġie magħluq għal pubbliku mill-pulizija minħabba raġunijiet ta' periklu. Is-Seg Eżek kompliet tgħid illi hi irċeviet korrispondenza minn naħa tal-gvern ċentrali fejn aktar tard dan ix-xahar ser ikun qiegħed jiġi irranġat minn naħa tagħhom biex jiġi eliminat kull tip ta' periklu fl-inħawi minħabba l-fatt illi ċ-ċint kien qed jaqa' b'mod mgħaġġel ħafna.

13.4C Il-Kunsillier- Paul Bongailas

C1 Is-Sur Pawlu Bongailas peress li kien qiegħed fuq telefonata live ta l-permess is-Seg Eżek taqra l-punti tiegħu li kien bagħtilha iktar kmieni qabel is-seduta f'ismu

Is-Seg Eżek qrat punti li ttieħdu waqt laqgħa informali mal-każini tal-baned li s-Sur Bongailas kien ħa nota tagħhom waqt l-istess laqgħa. Dawn il-punti ser ikunu qed jiġu nnutati u maħduma fejn hu possibli mis-Seg Eżek fil-ġranet li ġejjin f'isem il-Kunsill u kif ġie maqbul u diskuss f'din is-seduta.

Fuq nota oħra s-sur Bongailas spjega xi punti li ser ikunu qedin jiġru waqt Jum il-Kalkara 2018 kif ukoll żvela ismijiet ta' nies li ser jiġu rrikonoxxuti li ismom mhux ser jiġi miktub biex tibqa' l-element ta' sorpriża waqt l-istess attivita'.

Huwa innotat ukoll illi għad fadallu jirċievi konferma minn naħa tal-preżentatur peress illi sfortunatament fl-aħħar minuta dak li kien diġa ikkonferma inqalatu xi ħaġa oħra u ma jistax jippreżenta. Is-Sinjura Sindku qalet illi hi kient issuġġerit il-persuna Kalkariża, imma s-Sur Bongailas saħaq illi fil-fehma tiegħu m'hijiex idonja għal dak li xtaq hu bħala Chairperson tal-kumitat għal Jum il-Kalkara.

## 13.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

13.5.1 Il-pagamenti kollha innutati fuq l-iskeda ta' pagamenti 11.18 ippreżentata mis-Seg.Eżek. ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera waqt din is-Seduta.

## 13.6 Mozzjonijiet

Ma kienx hemm

## 13.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

12.7.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata unanimament mill-Kunsilliera għal nhar it-Tlieta 18 ta' Novmbru 2018 fil 4:00 p.m. u spiċċat fis 6:30 Ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tlieta 27 ta' Novembru 2018

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
|---|---|
| Speranza Chircop<br>Sindku | Elaine Caruana<br>Segretarju Eżekuttiv |